# Tabernaklu ġdid







Wara li tbierek mill-isqof ta' Għawdex l-E.T. Mons. Mario Grech, nhar il-Ħadd 15 ta' Lulju 2007, jum il-festa ta' San Ġorġ, it-tabernaklu l-ġdid reġa' ttieħed Malta għal aktar xogħol ta' elaborar fuqu mid-ditta Maltija li għandha nħadem, il-*Laga Company Ltd*. Issa jinsab mill-ġdid fostna biex jibqa'... fil-post li jikkumplimentah fl-istil: il-kappella neo-Biżantina l-ġdida tal-Kurċifiss, li issa qed tieħu post dik ta' Ġesù u Marija bħala kappella "tas-Sagrament".

It-tabernaklu, maħsub u kkummissjonat fl-2005 mill-arċipriet ta' dak iż-żmien Mons. Ġużeppi Farrugia, l-ewwel inħadem fl-injam mill-mastrudaxxa George Farrugia, u mbagħad inkesa bil-fidda minn ħaddiema esperti taħt is-superviżjoni tas-sur Joe Galea Cavallazzi. Barra x-xogħol fin ta' mmartellar, il-bieba tiegħu għandha fuqha tinqixa sabiħa ħafna li tirrappreżenta l-ikona Biżantina tal-ġrajja ewkaristika ta' Għemmaws. Din tagħlaq kaxxa pjuttost spazjuża fejn jista' jinżamm iktar minn pissidi wieħed. Id-disinn ta' dan it-tabernaklu, maħdum mill-artist Rabti Ġużeppi Sagona, hu magħmul fuq il-linji tal-pissidi l-antik li kien jintuża f'San Ġorġ sas-seklu sbatax, u li mbagħad kien intilef sakemm instab moħbi fil-faċċata l-qadima tal-knisja fl-1818 u l-lum jinsab miżmum fil-parti sigrieta tal-mużew tal-katidral ta' Għawdex. Hekk kulmin iħares lejn dan it-tabernaklu f'forma ta' pissidi jiftakar ukoll f'dan il-wirt prezzjuż li bi dritt hu proprjetà tal-knisja parrokkjali tagħna.

It-tabernaklu l-ġdid wasal fil-bażilika nhar il-Ħadd 13 ta' Lulju 2008 wara nofsinhar, wara li nġab minn Malta taħt is-superviżjoni ta' l-imgħallem Mario Attard, li ħa ħsieb jissorvelja x-xogħol fuqu fl-aħħar snin. Dawk kollha li żaru l-bażilika fil-jiem tal-festa li għaddew setgħu jitgħaxxqu wkoll bil-ġmiel artistiku tiegħu, li jevoka l-istorja maestuża tat-tempju Ġorġjan. Il-benefattur ewlieni ta' dan il-proġett kien Mons. Carmelo Scicluna, il-lum kantur tal-kolleġġjata Ġorġjana, kif tfakkar skrizzjoni sabiħa bil-Latin li tinsab f'riġlejn dan it-tabernaklu (qed nagħtu wkoll traduzzjoni tagħha għall-Malti).

| | |
|---|---|
| SACROSANCTÆ DIVI GEORGII MARTYRIS BASILICÆ,<br>OMNIVM DIOECESIS GAVLITANÆ PAROECIARVM<br>MATRI ET MAGISTRÆ,<br>HOC TABERNACVLVM INSIGNE<br>EGREGIA CVM MVNIFICENTIA<br>REV.MI PRÆCENTORIS CARMELI SCICLVNA<br>S.TH.D., J.C.B., CAPPELLANI S.S.,<br>NECNON<br>MAGNA CVM VOLVNTATE SINGVLARIQVE STVDIO<br>REV.MI ARCHIPRESBYTERI IOSEPH FARRVGIA<br>S.TH.D., PRÆLATI AD HONOREM S.S.,<br>DONO DATVM<br>A.D. MMVII. | LILL-IMQADDSA BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ MARTRI,<br>L-OMM U L-GĦALLIEMA TAL-PARROĊĊI KOLLHA<br>TAD-DJOĊESI TA' GĦAWDEX,<br>DAN IT-TABERNAKLU INSINJI<br>B'ĠENEROŻITÀ LIEMA BĦALHA<br>TAR-REV.MU KANTUR CARMELO SCICLUNA<br>S.TH.D., J.C.B., KAPPILLAN TAL-Q.T.,<br>KIF UKOLL<br>B'XEWQA KBIRA U BIT-TĦABRIK SPEĊJALI<br>TAR-REV.MU ARĊIPRIET ĠUŻEPPI FARRUGIA<br>S.TH.D., PRELAT TA' L-UNUR TAL-Q.T.,<br>INGĦATA B'RIGAL<br>FIS-SENA TAL-MULEJ 2007. |